*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,406, 14 ta' Marzu, 2025*
*Taqsima C*

# Nru 129

14. 03. 2025

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Andy Ellul, M.P., Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-11 ta' Marzu 2025.

**ATT sabiex jipprovdi għal qafas regolatorju għal stewards tas-sigurtà f'postijiet tal-isports, kif ukoll għal kwistjonijiet oħra konnessi ma' jew anċillari għalihom.**

Eleanor Scerri
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Andy Ellul, M.P., Parliamentary Secretary for Social Dialogue on behalf of the Minister for Home Affairs, Security and Employment, and read the First time at the Sitting of the 11th March 2025.

**AN ACT to provide for a regulatory framework for security stewards in sports venues, as well as for other matters connected with or ancillary thereto.**

Eleanor Scerri
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jipprovdi għal qafas regolatorju għal stewards tas-sigurtà f'postijiet tal-isports, kif ukoll għal kwistjonijiet oħra konnessi ma' jew anċillari għalihom.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 dwar Stewards tas-Sigurtà f'Postijiet tal-Isports. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

**TAQSIMA I**
**Preliminari**

**2.** F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"aġenzija ta' stewards tas-sigurtà" tfisser individwu jew korp ta' persuni, sew jekk korp ġuridiku kif ukoll mhux inkorporat, li jipprovdu servizzi ta' stewards tas-sigurtà;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Pulizija;

"post tal-isports" tfisser kwalunkwe ground tal-isports skont ir-regolament 2 tar-Regolamenti biex tinżamm l-Ordni Pubblika fil-Grounds tal-Isports, kif ukoll postijiet oħra fejn il-pubbliku jista' jsegwi attivitajiet sportivi kompetittivi; L.S. 10.33.

"servizzi ta' stewards tas-sigurtà" tfisser kwalunkwe servizz tas-sigurtà provdut minn individwu jew minn korp ta' persuni, sew jekk korp ġuridiku kif ukoll mhux inkorporat, għajr servizzi ta' sigurtà provduti minn xi dipartiment jew awtorità tal-gvern;

"steward tas-sigurtà" tfisser individwu li s-servizzi tiegħu jikkonsistu fil-provvista ta' servizzi ta' steward tas-sigurtà;

Kap. 490.

"Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva" tfisser it-tribunal stabbilit skont l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"żona ta' operazzjoni" tfisser post tal-isports li fih aġenzija ta' stewards tas-sigurtà tiġi mitluba tipprovdi s-servizzi ta' stewards tas-sigurtà.

## TAQSIMA II
## Aġenzija ta' Stewards tas-Sigurtà u Liċenzjar ta' Steward tas-Sigurtà

Aġenziji ta' stewards tas-sigurtà u stewards tas-sigurtà għandu jkollhom liċenzja.

**3.** L-ebda persuna ma għandha topera bħala aġenzija ta' stewards tas-sigurtà jew taġixxi bħala steward tas-sigurtà jew toffri tali servizzi, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenzja skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Użu ta' servizzi ta' stewards tas-sigurtà.

**4.** L-ebda persuna ma għandha timpjega, tħaddem, tissottokuntratta jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' steward tas-sigurtà kemm-il darba dawk is-servizzi ma jiġux provduti minn aġenzija ta' stewards tas-sigurtà li għandha liċenzja skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Tħaddim ta' stewards tas-sigurtà.

**5.** L-ebda aġenzija ta' stewards tas-sigurtà ma għandha tqabbad lil xi persuna b'rabta ma' dmirijiet fi, jew li għandhom x'jaqsmu ma', servizzi ta' stewards tas-sigurtà kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenzja bħala steward tas-sigurtà skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala aġenzija ta' stewards tas-sigurtà u bħala steward tas-sigurtà.

**6.** (1) Kwalunkwe persuna li tkun trid tikseb jew iġġedded liċenzja bħala aġenzija ta' stewards tas-sigurtà jew bħala steward tas-sigurtà għandha tissottometti applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju.

(2) Tali applikazzjoni fil-każ ta' aġenzija ta' stewards tas-sigurtà għandu jkun fiha t-tagħrif li ġej u għandu jkun akkumpanjat minn tali dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa, skont il-każ:

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz tan-negozju tas-soċjetà

kummerċjali, kif ukoll in-numru u l-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà;

(b) l-isem li l-applikant ikun bi ħsiebu juża biex imexxi l-attivitajiet tiegħu;

(ċ) fil-każ ta' korp ta' persuni, l-ismijiet u l-indirizzi u numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni legalment validi tal-azzjonisti, soċji, diretturi, segretarji u kwalunkwe uffiċjali oħra tal-korp u f'każ li xi ħadd minn dawk il-persuni jkun soċjetà, in-numru reġistrat u l-uffiċċju tas-soċjetà u n-numru ta' persuni li jipproponu li jimpjegaw;

(d) dikjarazzjoni mill-applikant fejn jiddikjara li ma għandu l-ebda interess finanzjarju jew xi interess ieħor li b'xi mod jista' joħloq konflitt mas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-aġenzija ta' stewards tas-sigurtà; tali interess ieħor għandu jinkludi kwalunkwe attività ta' negozju jew ekonomika oħra li tkun saret jew li tkun qed issir, jew servizzi li jkunu provduti jew li jkunu qed jiġu provduti mill-applikant, jew impjieg li kellu jew li jkollu l-applikant;

(e) jekk preċedentement l-applikant kien qiegħed imexxi xi attività ta' negozju, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-aħħar tliet (3) snin, u jekk taħt xi liġi oħra dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa li jkunu verifikati, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati;

(f) l-esperjenza relevanti ma' servizzi ta' stewards tas-sigurtà, inkluża esperjenza fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati provduti minn kwalunkwe persuna msemmija fil-paragrafi (a) u (ċ); u

(g) ċertifikat ta' kondotta nadifa tal-pulizija tad-diretturi jew rappreżentanti legali tal-aġenzija ta' stewards tas-sigurtà fi kwalunkwe forma legali li tkun kostitwita.

(3) Fil-każ ta' steward tas-sigurtà l-applikazzjoni għandu jkun fiha t-tagħrif li ġej flimkien ma' tali dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa, skont il-każ:

(a) l-isem sħiħ, l-indirizz u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(ċ) id-dettalji sħaħ dwar l-esperjenza tax-xogħol tal-applikant;

(d) dikjarazzjoni mill-applikant fejn jistqarr li ma għandu l-ebda interess finanzjarju jew xi interess ieħor li b'xi mod jista' joħloq kunflitt mas-servizzi li jkunu se jiġu provduti bħala steward tas-sigurtà;

(e) iċ-ċertifikat ta' attendenza għall-kors indikat fl-artikolu 22, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata ma' taħriġ akkademiku u kwalifiki oħra biex wieħed ikun jista' iservi ta' steward tas-sigurtà;

(f) ċertifikat ta' kondotta nadifa tal-pulizija u dikjarazzjoni li tikkonferma li l-applikant ma ġiex imputat, akkużat jew ikkundannat għal kwalunkwe reat kriminali minn fost dawk elenkati fl-artikolu 11(1);

(g) l-isem sħiħ u l-indirizz tan-negozju tal-prinċipal tiegħu.

(4) Il-Kummissarju jista', fiċ-ċirkostanzi ta' kwalunkwe każ partikolari, jeħtieġ informazzjoni addizzjonali jekk tkun strettament meħtieġa għall-fini ta' dan l-Att, jew li kwalunkwe informazzjoni sottomessa skont dan l-artikolu tkun sostnuta b'tali dokumentazzjoni rilevanti kif jista' jeħtieġ.

Drittijiet pagabbli.

**7.** (1) Għandu jitħallas lill-Kummissarju għall-ħruġ ta' liċenzja ta' aġenżija ta' stewards tas-sigurtà dritt ta' applikazzjoni ta' mitejn u erbgħin euro (€240.00).

(2) Mat-tiġdid tal-liċenzja għal aġenzija ta' stewards tas-sigurtà għandu jitħallas ukoll lill-Kummissarju dritt ta' tnax-il euro (€12.00) fis-sena għal kull steward tas-sigurtà impjegat mill-istess aġenzija, soġġett għal dritt minimu ta' mitejn u erbgħin euro (€240.00) u dritt massimu ta' elf u mitejn euro (€1,200.00) fis-sena.

(3) Għandu jitħallas lill-Kummissajru fir-rigward ta' liċenzja ta' steward tas-sigurtà dritt ta' applikazzjoni ta' erbgħa u għoxrin euro (€24.00) mal-ħruġ ta' tali liċenzja u dritt annwali ta' tnax-il euro (€12.00) mat-tiġdid tagħha.

Konsultazzjoni ma' entitajiet pubbliċi rilevanti.

**8.** Il-Kummissarju għandu, fi żmien ħmistax (15)-il jum minn meta jirċievi tali applikazzjoni, jikkonsulta mal-entitajiet pubbliċi rilevanti sabiex jiżgura li ċ-ċirkostanzi tal-applikant mhumiex dawk imsemmija fl-artikolu 11(1).

Oġġezzjoni għal applikazzjoni.

**9.** (1) Kwalunkwe entità pubblika rilevanti tista', fi żmien xahar (1) minn meta tirċievi t-talba tal-Kummissarju skont l-artikolu 8, toġġezzjona lill-Kummissarju bil-miktub għall-ħruġ ta' tali liċenzja għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 11.

(2) Il-Kummissarju għandu jikkunsidra kwalunkwe tali oġġezzjoni u għandu jivverifika kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula fiha. Għal dan l-għan, il-Kummissarju jista' jeħtieġ lill-entità pubblikà li tagħmel l-oġġezzjoni biex tipproduċi l-provi b'sostenn ta' kull dikjarazzjoni li tkun saret fi kwalunkwe tali oġġezzjoni.

Aċċettazzjoni jew rifjut ta' applikazzjoni.

**10.** Wara li jkun ikkunsidra l-applikazzjoni magħmula u kwalunkwe oġġezzjonijiet riċevuti skont l-artikolu 9, il-Kummissarju għandu, fi żmien sitt (6) ġimgħat mill-iskadenza tax-xahar imsemmi fl-artikolu 9(1):

(a) jew joħroġ liċenzja lill-applikant biex jopera bħala aġenzija ta' stewards tas-sigurtà jew bħala steward tas-sigurtà, skont il-każ; jew

(b) jirrifjuta l-applikazzjoni:

Iżda applikant għandu jitqies li jkun liċenzjat mal-avviż tal-ħruġ tal-liċenzja.

Kriterji għar-rifjut ta' liċenzja.

**11.** (1) Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni għal-liċenzja fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin meta l-applikant jew kwalunkwe impjegat tal-applikant, jew persuna mqabbda mill-applikant jew xi persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant:

(a) tkun instabet ħatja f'Malta jew barra minn Malta ta' kwalunkwe reat ta' omiċidju jew ta' reat gravi fuq il-persuna jew ta' kwalunkwe reat kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), jew bil-vjolenza jew ta' kwalunkwe reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi reat gravi ieħor;

(b) tkun tkeċċiet minn kwalunkwe korp dixxiplinat f'Malta jew barra minn Malta minħabba xi reat jew minħabba imġiba ħażina oħra;

(ċ) tkun uffiċjal pubbliku fi grad jew kategorija ogħla minn grad jew kategorija 11;

(d) tkun membru attiv ta' korp dixxiplinat;

(e) tkun instabet ħatja f'Malta jew barra minn Malta ta' reat kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames (5) snin minn meta twettaqir-reat;

(f) tkun instabet ħatja f'Malta jew barra minn Malta ta' xi reat sesswali; jew

L.S. 10.33. (g) tkun instabet ħatja ta' reat taħt ir-Regolamenti biex Tinżamm l-Ordni Pubblika fil-Grounds tal-Isports.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kummissarju jista' jirrifjuta applikazzjoni meta:

(a) huwa jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jagħmel dan; jew

(b) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif preskritt b'dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu.

Rikors preżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

**12.** (1) Fil-każ li l-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenzja lill-applikant sabiex jaġixxi bħala aġenzija ta' stewards tas-sigurtà jew bħala steward tas-sigurtà, hu għandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-deċiżjoni lill-applikant fejn jagħtih ir-raġuni għal tali rifjut:

Iżda f'każ ta' rifjut skont l-artikolu 11(2)(a) għandu jkun suffiċjenti li jiddikjara li l-liċenzja tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.

(2) Il-Kummissarju għandu, fil-każ ta' rifjut iżomm kopja ta' tali rifjut u r-raġuni għall-istess.

(3) Meta jirċievi l-liċenzja, l-applikant jista', fi żmien tletin (30) jum kalendarju minn meta jkun irċeviha, jippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva fejn jitlob li kwalunkwe termini jew kundizzjonijiet marbutin ma' dik il-liċenzja għandhom jitneħħew jew jinbidlu.

Kap. 490.

(4) Fil-każ li l-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenzja, l-applikant jista', fi żmien tletin (30) jum kalendarju minn meta jkun irċieva tali rifjut, jippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva fejn jitlob l-ħruġ ta' tali liċenzja.

Kap. 490.

Validità tal-liċenzja.

**13.** (1) Liċenzja maħruġa mill-Kummissarju skont l-artikolu 10 għandha tkun:

(a) valida għal perjodu ta' sena (1) mid-data tal-ħruġ tagħha;

(b) soġġetta għall-kundizzjoni speċifika li d-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lill-Kummissarju bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni sottomessa dwar l-applikazzjoni relevanti; u

(ċ) soġġetta għal dawk it-termini u l-kundizzjonijiet l-oħra li l-Kummissarju jidhirlu xierqa li jorbot ma' dik il-liċenzja.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, liċenzja maħruġa skont dan l-Att tista' tiġġedded mal-iskadenza tal-validità tagħha u mal-ħlas ta' dak id-dritt kif preskritt skont l-artikolu 7.

Irtirar u sospenzjoni ta' liċenzja.

**14.** (1) Meta d-detentur ta' liċenzja ma jikkonformax ma' kwalunkwe waħda mit-termini jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenzja jew jinqalgħu ċirkostanzi li setgħu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenzja tiġi miċħuda, il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi tali liċenzja.

(2) Meta liċenzja tkun ġiet irtirata jew sospiża, il-Kummissarju jista' joħroġ liċenzja ġdida jew jirtira s-sospensjoni meta ċ-ċirkostanzi li jkunu nqalgħu għall-irtirar jew sospensjoni jkunu tneħħew jew ma jkunux għadhom jeżistu.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(3) u (4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appell ippreżentat quddiem it-Tribunal tal-Ġustizzja Amministrattiva skont is-subartikolu (1).

## TAQSIMA III
## Dmirijiet ta' stewards tas-sigurtà

Dmirijiet u żona ta' operazzjoni ta' stewards tas-sigurtà.

**15.** Id-dmirijiet ta' steward tas-sigurtà għandhom ikunu li:

(a) jikkontrolla l-aċċess għal postijiet tal-isports;

(b) jikkontrolla l-aċċess għal żoni ristretti f'postijiet tal-isports;

(ċ) jidderiġi lill-ispettaturi lejn is-seats tagħhom jew żoni allokati lilhom, fejn applikabbli;

(d) jissorvelja jew jivverifika għal kwalunkwe riskji jew theddid għas-sigurtà jew għas-sikurezza; u

(e) jassisti lill-Pulizija skont id-dmirijiet elenkati f'dan l-Att.

Dmirijiet speċifiċi.

**16.** Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu kif stabbilit fl-artikolu 15, l-isteward tas-sigurtà għandu:

(a) jagħmel użu minn tagħmir elettroniku biex jiskenja lill-ispettaturi għal kwalunkwe oġġetti perikolużi jew ipprojbiti;

(b) jirrifjuta d-dħul fil-post tal-isports lil kwalunkwe persuna li jkollha oġġetti perikolużi jew ipprojbiti;

(ċ) jirrifjuta d-dħul fil-post tal-isports lil kwalunkwe persuna fuq struzzjonijiet tal-Pulizija fuq suspett li tali persuna

tista' tipperikola l-ordni jew is-sigurtà fil-post tal-isports;

(d) jitlob l-intervent tal-Pulizija f'każ ta' sejbien ta' oġġetti suspettati illegali;

(e) iżomm l-ordni u s-sigurtà fiż-żona ta' operazzjoni tiegħu permezz ta' rikjesti jew ordnijiet;

(f) jagħmel ħiltu biex inaqqas, safejn ikun prattikabbli, kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata fil-qadi ta' dmirijietu;

(g) iċempel is-servizzi ta' emerġenza kif meħtieġ;

(h) jidentifika u jirrapporta kwalunkwe periklu potenzjali, bħal perikli ta' nirien; u

(i) jitlob l-intervent tal-Pulizija kull meta jkun meħtieġ.

Allokazzjoni ta' stewards tas-sigurtà skont il-valutazzjoni tar-riskju.

**17.** (1) Aġenzija ta' stewards tas-sigurtà għandha talloka stewards tas-sigurtà għal avvenimenti sportivi skont l-eżitu ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-organizzatur tal-avvenimenti sportivi jew proprjetarju ta' sit, kif approvat mill-Kummissarju.

(2) Jekk il-miżuri meħuda mill-organizzatur tal-avveniment sportiv jew proprjetarju tas-sit u mill-istewards tas-sigurtà biex jiġi evitat il-periklu ma jkunux biżżejjed, l-istewards tas-sigurtà għandhom jieħdu l-minuti u jirrappurtaw il-fatturi li jipperikolaw is-sigurtà lill-Pulizija.

Tneħħija ta' individwi.

**18.** (1) Steward tas-sigurtà jista' jordna lil kwalunkwe persuna biex toħroġ miż-żona tal-operazzjoni tiegħu jekk dik il-persuna:

(a) tkun qiegħda tfixkel l-ordni pubblika jew tipperikola s-sigurtà fil-post tal-isports; jew

(b) minkejja li tkun ġiet imwissija, tonqos milli tobdi xi ordni leġittima maħruġa biex tinżamm l-ordni jew is-sigurtà.

(2) L-isteward tas-sigurtà għandu jitlob l-intervent tal-Pulizija f'każ ta' nuqqas ta' konformità ta' dik il-persuna kif imsemmi fis-subartikolu (1).

Identifikazzjoni ta' stewards tas-sigurtà.

**19.** (1) Fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom kif stipulat skont dan l-Att, l-istewards tas-sigurtà għandu jkollhom fil-pussess tagħhom il-mezzi validi ta' identifikazzjoni approvati mill-Kummissarju.

(2) L-istewards tas-sigurtà għandhom iġorru l-mezzi validi ta' identifikazzjoni maħruġa mill-Kummissarju matul il-qadi tad-dmirijiet tagħhom li għandhom jiġu ppreżentati fuq talba minn kwalunkwe

persuna li tattendi l-post tal-isports, u għandhom jilbsu tali uniformi distintiva u badges jew marki distintivi oħra kif jista' jiġi preskritt.

## TAQSIMA IV
## Ġenerali

Poteri tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

**20.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti fir-rigward ta':

(a) proċeduri għall-għoti ta' liċenzji lil aġenziji jew lil stewards tas-sigurtà;

(b) drittijiet ulterjuri pagabbli minbarra dawk stabbiliti f' dan l-Att;

(ċ) dmirijiet ulterjuri minbarra dawk stabbilit f' dan l-Att; u

(d) kwalunkwe kwistjonijiet oħra relatati u, jew anċillari għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Assigurazzjoni ta' indenizz.

**21.** (1) Kull aġenzija ta' stewards tas-sigurtà li għandha liċenzja skont dan l-Att għandha, sakemm tkun hekk liċenzjata, tkun koperta b'assigurazzjoni ta' indennizz, b'tali mod u għal dak l-ammont li jista' jiġi preskritt kontra kwalunkwe responsabbiltà li dik l-aġenzija tista' tinkorri bħala kumpens dwar xi telf jew dannu li xi persuna oħra tista' ssoffri bħala riżultat ta' kwalunkwe att magħmul jew li jonqos milli jsir mill-aġenzija jew minn xi steward tas-sigurtà impjegat mill-aġenzija, fil-qadi ta' xi servizzi provduti taħt liċenzja maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Tali assigurazzjoni għandha ssir mill-aġenzija ta' stewards tas-sigurtà jekk il-persuna liċenzjata tkun steward tas-sigurtà.

(2) Kull persuna obbligata li tkun koperta b'assigurazzjoni ta' indennizz skont dan l-artikolu għandha fuq bażi annwali, fi żmien ġimgħa mill-ħruġ jew tiġdid ta' tali assigurazzjoni ta' indennizz, tinforma lill-Pulizija bil-miktub u tipproduċi kopja valida tad-dokument ta' assigurazzjoni ta' indennizz u n-numru relattiv tal-polza ta' assigurazzjoni.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu kull aġenzija ta' stewards tas-sigurtà obbligata li tkun koperta b'assigurazzjoni ta' indennizz għandha, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa taħt is-subartikolu (2), tissottometti lista ta' persuni, jekk dan ikun il-każ, impjegati magħha.

(4) Kwalunkwe tibdil fil-lista ta' impjegati sottomessa skont is-subartikolu (3) għandu jkun mgħarraf lill-Pulizija fi żmien jumejn (2) minn meta jokkorri tali tibdil.

(5) Kwalunkwe persuna li tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha titqies li qiegħda topera mingħajr il-liċenzja meħtieġa skont dan l-Att.

Korsijiet approvati biex jipprovdu taħriġ.

**22.** (1) L-ebda persuna ma għandha tipprovdi korsijiet għall-provvista ta' taħriġ akkademiku u kwalifiki oħra li persuna tista' tkun meħtieġa li jkollha, biex tikseb jew iżżomm liċenzja ta' steward tas-sigurtà, kemm-il darba dawk il-korsijiet ma jkunux approvati mill-Kummissarju fil-forma stabbilita fl-Iskeda, wara konsultazzjonijiet mal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti kif stabbilit fl-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Kap. 626.

(2) Id-dritt pagabbli lill-Kummissarju minn persuna sabiex tipprovdi taħriġ akademiku jew kwalifika oħra skont is-subartikolu (1) għandu jkun ta' mitejn u erbgħin euro (€240.00). Tali dritt għandu jkun pagabbli mal-approvazzjoni tal-Kummissjaru.

(3) L-applikanti kollha għal liċenzja ta' steward tas-sigurtà għandhom jattendu l-kors indikat fis-subartikolu (1), filwaqt li l-applikazzjonijiet għal tiġdid ta' liċenzja ta' steward tas-sigurtà għandhom jiġu kkunsidrati biss mill-Kummissarju jekk l-applikant ikun attenda dak il-kors fis-sentejn (2) ta' qabel.

Reati u pieni.

**23.** Kwalunkwe persuna li:

(a) topera aġenzija ta' stewards tas-sigurtà bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liċenzja maħruġa taħtu jew li tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel, meta tinsab ħatja, multa li ma teċċedix tlieta u għoxrin elf u tliet mitt euro (€23,300.00) jew priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(b) taġixxi jew li tkun impjegata bħala steward tas-sigurtà f'post tal-isports bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liċenzja maħruġa taħtu għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel, meta tinsab ħatja, multa li ma teċċedix erbat elef u seba' mitt euro (€4,700.00) jew priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix sitt (6) xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(ċ) timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' stewards tas-sigurtà bi ksur tal-artikolu 4 jew li xort'oħra tikser kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għajr dawk li għalihom japplikaw il-paragrafi (a) u (b), għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel, meta tinsab ħatja, multa li ma teċċedix elf u mitejn euro (€1,200.00);

(d) fil-provvista tas-servizzi ta' steward tas-sigurtà f'post tal-isports, teżerċita użu ta' forza eċċessiva jew b'kwalunkwe mod ieħor tabbuża mill-poteri mogħtija lilha taħt dan l-Att, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel meta tinsab ħatja, multa li ma teċċedix elfejn euro (€2,000.00), jew priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix tnax (12)-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**24.** (1) Kwalunkwe ipproċessar ta' data personali li jitwettaq mill-Kummissarju għall-finijiet ta' dan l-Att għandu jsir skont ir-Regolament (UE) 2016/679, tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data. Ipproċessar tad-Data. Kap. 586.

(2) Il-Kummissarju għandu jwettaq l-operat rilevanti ta' pproċessar ta' data li huma limitati sal-punt meħtieġ u proporzjonati għall-għanijiet imfittxa minn dan l-Att.

---

**SKEDA**
(artikolu 22)

Kors ta' Taħriġ għal Stewards tas-Sigurtà f'Postijiet tal-Isports

**Għanijiet tal-Kors**

It-tlestija b'suċċess tal-kors għandha tippermetti lil parteċipant li:

(a) jinforza d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(b) jindirizza sitwazzjonijiet diffiċli, sa fejn ikun possibbli mingħajr l-użu ta' trażżin fiżiku.

**Metodoloġija**

Barra li jsegwu mill-qrib id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Att u f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra, il-moduli għandhom jintroduċu s-suġġett ewlieni, il-ħiliet meħtieġa, it-theddid u l-vulnerabbiltajiet. It-tagħlim għandu jinkludi preżentazzjonijiet, dimostrazzjonijiet, diskussjonijiet u parteċipazzjoni f'eżerċizzji ta' proġetti. Il-kwalità tad-direzzjoni, it-tagħlim u l-preżentazzjoni għandha tkun assigurata permezz tal-parteċipazzjoni ta' speċjalisti kwalifikati jew esperti rikonoxxuti fl-oqsma kollha tas-suġġetti ewlenin.

**Sillabu**

1. Servizzi ta' steward tas-sigurtà kif imfissra f'dan l-

Att.

2. Ix-xjenza tas-Sigurtà u r-Riskju.

3. Taħriġ fil-ġestjoni tal-kunflitti u l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet diffiċli.

4. Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (inkluża l-ewwel għajnuna bażika, l-assistenza bażika fit-tifi tan-nar, u l-evakwazzjoni sikura tal-persuni).

**Ħiliet Bażiċi**

(a) Osservazzjoni.

(b) Valutazzjoni tat-theddid għas-sigurtà u s-sitwazzjonijiet tas-sikurezza.

(ċ) Azzjoni xierqa skont iċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni.

(d) Sigurtà.

**Komunikazzjoni u Ħiliet Interpersonali**

(a) Kif jingħelbu l-ostakli tal-komunikazzjoni.

(b) Ġestjoni tal-konflitti.

(ċ) Negozjar ta' sitwazzjonijiet diffiċli.

(d) It-trattament ta' persuni vulnerabbli.

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu qafas regolatorju għal stewards tas-sigurtà f'postijiet tal-isports, inkluż il-liċenzjar ta' aġenziji ta' stewards tas-sigurtà u stewards tas-sigurtà mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-kriterji ta' skwalifika għaż-żamma ta' liċenzja, id-dmirijiet u l-obbligi li jappartjenu kemm għal aġenziji u għal stewards tas-sigurtà, kif ukoll għal kwistjonijiet oħra konnessi ma', jew anċillari għalihom.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to provide for a regulatory framework for security stewards in sports venues, as well as for other matters connected with or ancillary thereto.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** (1) The short title of this Act is the Security Stewards in Sports Venues Act, 2025.

Short title and commencement.

(2) This Act shall come into force within two (2) months from its publication in the Gazette.

**PART I**
**Preliminary**

**2.** In this Act unless the context otherwise requires:

Interpretation.

"Administrative Review Tribunal" means the tribunal established in accordance with article 5 of the Administrative Justice Act;

Cap. 490.

"area of operation" means a sport venue in which a security stewards agency is requested to provide the services of security stewards;

"Commissioner" means the Commissioner of Police;

"Minister" means the Minister responsible for the Police;

"security steward" means an individual whose services are

rendered in the provision of security steward services;

"security stewards agency" means an individual or a body of persons whether corporate or unincorporate, who provide security stewards services;

"security steward services" means any security service provided either by an individual or by a body of persons, whether corporate or unincorporate, other than security services provided by any government department or authority;

S.L. 10.33.

"sport venue" means any sports ground in accordance with regulation 2 of the Maintenance of Public Order at Sports Grounds Regulations, as well as other venues where the public may watch competitive sporting activities.

**PART II**

**Security Stewards Agency and Security Steward Licencing**

Security stewards agencies and security stewards shall be licensed.

**3.** No person shall operate as a security stewards agency or act as a security steward or offer his services as such, unless such person is licensed in accordance with the provisions of this Act.

Use of security steward service.

**4.** No person shall employ, engage, sub-contract or permit the use of security stewards services unless such services are provided by a security stewards agency licensed in accordance with the provisions of this Act.

Engagement of security stewards.

**5.** No security stewards agency shall engage any person for duties in, or connected with, security stewards services unless such person is licensed as a security steward in accordance with the provisions of this Act.

Licence application for a security stewards agency and security steward.

**6.** (1) Any person wanting to obtain or renew a licence as a security stewards agency or as a security steward shall submit an application in writing to the Commissioner.

(2) In the case of a security stewards agency an application shall contain the following information which shall be accompanied by such required supporting documentation, as the case may require:

(a) the full name and business address a commercial partnership as well as the registered number and office of the partnership;

(b) the name under which the applicant intends to carry on his activities;

(c) in the case of a body of persons the names and addresses and legally valid identification document numbers of the shareholders, partners, directors, secretaries and any other officers of the body and where any of such persons is a partnership, the registered number and office of the partnership and the number of persons they propose to employ;

(d) a declaration by the applicant declaring that he has no financial or other interest which could in any way conflict with the services to be provided by the security stewards agency; such other interest shall include any other business or economic activity carried out or being carried out, or services provided or being provided by the applicant, or employment held or being held, by the applicant;

(e) if an applicant was previously carrying on any business activity, the financial statements for the last three (3) years, and if under any other law such financial statements are required to be audited, the audited financial statements;

(f) experience relevant to security stewards services, including experience in the provision of private guard services held by any person mentioned in paragraphs (a) and (c); and

(g) a clean police conduct certificate of directors or legal representatives of the security stewards agency in whichever legal form it is constituted.

(3) In the case of a security steward the application shall contain the following information accompanied by such required supporting documentation, as the case may require:

(a) the full name, address and a legally valid identification document number;

(b) the date and place of birth;

(c) full details of the applicant's working experience;

(d) a declaration by the applicant stating that he has no financial or other interest which could in any way conflict with the services to be provided as a security steward;

(e) certificate of attendance to the course indicated in article 22, as well as any information relating to other academic training and other qualifications held to act as a security steward;

(f) a clean police conduct certificate and a declaration

confirming that the applicant has not been charged, accused, or convicted of any criminal offence from amongst those listed in article 11(1); and,

(g) the full name and the business address of his employer.

(4) The Commissioner may, in the circumstances of any particular case, require additional information if it is strictly necessary for the purpose of this Act, or that any information submitted in accordance with this article be supported by such relevant documentation as he may require.

Fees payable.

**7.** (1) There shall be payable to the Commissioner for the issue of a licence of a security stewards agency an application fee of two hundred and forty euro (€240.00).

(2) On the renewal of the licence of a security steward agency there shall also be paid to the Commissioner an annual fee of twelve euro (€12.00) for every security steward employed by the same agency, subject to a minimum fee of two hundred and forty euro (€240.00) and an annual maximum fee of one thousand two hundred euro (€1,200.00).

(3) There shall be payable to the Commissioner in relation to a licence of a security steward an application fee of twenty-four euro (€24.00) on the issue of such licence and an annual fee of twelve euro (€12.00) on its renewal.

Consultation with relevant public entities.

**8.** The Commissioner shall, within fifteen (15) days of the receipt of such application, consult with relevant public entities in order to ensure that the circumstances of the applicant do not fall under article 11(1).

Objection to application.

**9.** (1) Any relevant public entity may, within one (1) month from the receipt of the Commissioner's request in terms of article 8, object to the Commissioner in writing to the issue of such licence on any of the grounds listed in article 11.

(2) The Commissioner shall consider any such objection and shall verify any statements made therein. For this purpose, the Commissioner may require the public entity objecting to produce evidence to substantiate any statement made in any such objection.

Acceptance or refusal of application.

**10.** Having considered the application made and any objections received in accordance with article 9, the Commissioner shall, within six (6) weeks from the lapse of one month prescribed in article 9(1):

(a) either issue a licence to the applicant to act as a security stewards agency or as a security steward, as the case may be; or

(b) refuse the application:

Provided that an applicant shall be deemed to be licensed upon notification of the issuance of the licence.

Criteria for refusal of a licence.

**11.** (1) The Commissioner shall refuse a licence application in any of the following circumstances where the applicant or any employee of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant:

(a) has been convicted in Malta or abroad of any crime of homicide or of grievous bodily harm or any crime against property aggravated by amount exceeding two thousand and three hundred and twenty-nine euro and thirty-seven cents (€2,329.37), or by violence or any crime against public trust or any other serious crime;

(b) has been dismissed from any disciplined force, in Malta or abroad, because of any offence or other misbehaviour;

(c) is a public officer in a grade or category higher than grade or category 11;

(d) is an active member of a disciplined force;

(e) has been convicted in Malta or abroad of a crime against the person or against property and the application is made within five (5) years from the commission of the crime;

(f) has been convicted in Malta or abroad of any sexual offence; or

(g) has been convicted of an offence under the Maintenance of Public Order at Sports Grounds Regulations. S.L. 10.33.

(2) Notwithstanding the provisions of sub-article (1), the Commissioner may refuse an application where:

(a) he considers that it is in the public interest to do so; or

(b) where the applicant does not possess the necessary qualifications as prescribed by this Act or any regulations made thereunder.

Application filed before the Administrative Review Tribunal.

**12.** (1) In the case that the Commissioner refuses to issue a licence to an applicant to act as a security stewards agency or as a security steward, he shall forthwith communicate in writing such decision to the applicant stating the reason for such refusal:

Provided that in the case of a refusal in accordance with article 11(2)(a), it shall be sufficient to state that the licence has been refused in the public interest.

(2) The Commissioner shall, in the case of a refusal keep a copy of such refusal and the reason thereof.

(3) On the receipt of a licence the applicant may, within thirty (30) calendar days from such receipt, file an application before the Administrative Review Tribunal in accordance with article 15 of the Administrative Justice Act requesting that any terms or conditions attached to such licence be removed or changed.

Cap. 490

(4) In the event of the Commissioner's refusal to issue a licence, the applicant may, within thirty (30) calendar days from the receipt of such refusal, file an application before the Administrative Review Tribunal in accordance with article 15 of the Administrative Justice Act requesting the issuance of a licence.

Cap. 490.

Validity of a licence.

**13.** (1) A licence issued by the Commissioner in accordance with article 10 shall be:

(a) valid for a period of one (1) year from its date of issue;

(b) subject to the specific condition that the holder of the licence shall inform the Commissioner of any change in the information submitted in relation to the relevant application; and

(c) subject to such other terms and conditions as the Commissioner may deem fit to attach to such licence.

(2) Subject to the other provisions of this Act, a licence issued in accordance with this Act may be renewed on the expiration of its validity and on the payment of such fee as prescribed in accordance with article 7.

Withdrawal and suspension of licence.

**14.** (1) Where the holder of a licence does not conform to any term or condition under which the licence has been issued or where such circumstances arise which could have justified the refusal of an application for such licence, the Commissioner may either withdraw or suspend such licence.

(2) Where a licence has been withdrawn or suspended the

Commissioner may issue a new licence or withdraw the suspension where the circumstances giving rise to the withdrawal or suspension have been removed or no longer exist.

(3) The provisions of article 12(3) and (4) shall apply *mutatis mutandis* to an appeal filed before the Administrative Justice Tribunal pursuant to sub-article (1).

## PART III
## Duties of security stewards

Duties and area of operation of security stewards.

**15.** The duties of a security steward shall be to:

(a) control access to sports venues;

(b) control access to restricted areas within sports venues;

(c) usher spectators to their allocated seats or areas, where applicable;

(d) monitor or verify for any security or safety risks or threats; and

(e) assist the Police in accordance with the duties listed in this Act.

Specific duties.

**16.** In the exercise of his duties as set out in article 15, the security steward shall:

(a) make use of electronic equipment to scan spectators for any dangerous or prohibited items;

(b) refuse entry to the sports venue to any person who is in possession of dangerous or prohibited items;

(c) refuse entry to the sports venue to any person on Police instructions upon suspicion that such person may endanger order or security within the sports venue;

(d) request Police intervention in case of detection of suspected illegal items;

(e) maintain order and security in his area of operation by means of requests or orders;

(f) endeavour to minimise, as far as practicable, any damage which may be caused in the performance of his duties;

(g) call emergency services as required;

(h) identify and report any potential hazards, such as fire hazards; and

(i) request Police intervention whenever necessary.

Allocation of security stewards pursuant to a risk assessment.

**17.** (1) A security stewards agency shall allocate security stewards to sports events in line with the outcome of a risk assessment undertaken by the sports event organiser or site proprietor, as endorsed by the Commissioner.

(2) If the measures taken by the sports event organiser or site owner and the security stewards to prevent danger are insufficient, the security stewards shall minute and report the factors endangering security to the Police.

Removal of individuals.

**18.** (1) A security steward may order any person to leave from his area of operation if such person:

(a) is disturbing public order or endangering security at the sports venue; or

(b) despite being warned, fails to obey any legitimate order issued to maintain order or security.

(2) The security steward shall request Police intervention in case of non-compliance of such person as mentioned under sub-article (1).

Identification of security stewards.

**19.** (1) Throughout the performance of their duties as stipulated in accordance with this Act, security stewards shall have in their possession the valid means of identification approved by the Commissioner.

(2) Security stewards shall carry the valid means of identification issued by the Commissioner throughout the performance of their duties, which shall be presented on request by any person attending the sport venue, and shall wear such distinctive uniform and distinctive badges or other marks as may be prescribed.

## PART IV
## General

Powers of the Minister to make regulations.

**20.** The Minister may make regulations regarding:

(a) procedures for the award of licences to agencies or security stewards;

(b) fees payable additional to those provided for by this

Act;

(c) additional duties to those provided for by this Act; and

(d) any other matters ancillary to the provisions of this Act.

**21.** (1) Every security stewards agency licensed in accordance with this Act shall, for as long as it is so licensed, be covered by an indemnity insurance, in such manner and for such amount as may be prescribed against any liability which such agency may incur for compensation in respect of any loss or damage that any other person may suffer as a result of any act done or omitted to be done by the agency or by any security steward employed by the agency, in the carrying out of any services provided under a licence issued in accordance with the provisions of this Act. Such insurance shall be made by the security stewards agency if the person licensed is a security steward. Indemnity insurance.

(2) Every person bound to be covered by an indemnity insurance in accordance with this article shall on a yearly basis, within a week of taking out or renewing such indemnity insurance, inform the Police in writing and produce a valid copy of the indemnity insurance document and the relative number of the insurance policy.

(3) For the purposes of this article every security stewards agency bound to be covered by an indemnity insurance shall, together with the information required under sub-article (2), submit a list of persons that it employs, if any.

(4) Any changes to the list of persons employed submitted in accordance with sub-article (3) shall be notified to the Police within two (2) days from the occurrence of any such change.

(5) Any person who fails to comply with any of the provisions of this article shall be deemed to operate without the licence required in accordance with this Act.

**22.** (1) No person shall provide courses for the provision of academic training and other qualifications that may be required for a person to obtain or hold a licence as a security steward, unless the said courses have been approved by the Commissioner in the form set out in the Schedule, following consultations with the Authority for Integrity in Maltese Sport as established in accordance with the Sports Governance and Integrity Act. Courses approved to provide training. Cap. 626.

(2) The fee payable to the Commissioner by a person to provide

academic training or other qualification in accordance with sub-article (1) shall be two hundred and forty euro (€240.00). Such fee shall be payable upon the Commissioner's approval.

(3) All applicants for a security steward licence shall attend the course indicated in sub-article (1), while applications for a renewal of a security steward licence shall only be considered by the Commissioner if the applicant has attended such a course within the preceding two (2) years.

Offences and penalties.

**23.** Any person who:

(a) operates a security stewards agency in contravention of any of the provisions of this Act or of any licence issued thereunder or acts in breach of the provisions of article 21, shall be guilty of an offence and shall be liable on conviction, to a fine (*multa*) not exceeding twenty three thousand and three hundred euro (€23,300.00), or to imprisonment for a term not exceeding one (1) year, or to both such fine (*multa*) and imprisonment;

(b) who acts or is employed as a security steward, at a sports venue in infringement of any of the provisions of this Act or of any licence issued thereunder, shall be guilty of an offence and shall be liable on conviction, to a fine (*multa*) not exceeding four thousand and seven hundred euro (€4,700.00), or to imprisonment for a term not exceeding six months, or to both such fine (*multa*) and imprisonment;

(c) who employs, engages or permits the use of security stewards services, in breach of article 4 or otherwise is in breach of any provision of this Act other than those to which paragraphs (a) and (b) apply shall be guilty of an offence and shall be liable on conviction, to a fine (*multa*) not exceeding one thousand and two hundred euro (€1,200.00);

(d) being a security steward at a sports venue, exercises excessive use of force or in any other way abuses of the powers conferred upon him under this Act, shall be guilty of an offence and shall be liable on conviction, to a fine (*multa*) not exceeding two thousand euro (€2,000.00), or to imprisonment for a term not exceeding twelve (12) months, or to both such fine (*multa*) and imprisonment.

Data Processing.

Cap. 586.

**24.** (1) Any processing of personal data carried out by the Commissioner for the purposes of this Act shall be made in accordance with Regulation (EU) 2016/679, the Data Protection Act and any regulations made thereunder, and the fundamental rights and freedoms of the data subjects.

(2) The Commissioner shall carry out the relevant data processing operations which are limited to the extent necessary and proportionate to the objectives pursued by this Act.

---

## SCHEDULE
(article 22)

Training Course for Security Stewards in Sports Venues

**Course Objectives**

Successful completion of the course shall enable a participant to:

(a) enforce the provisions of this Act; and

(b) address difficult situations, insofar as possible without the use of physical restraint.

**Methodology**

Following closely the provisions contained in this Act and other relevant legislation, the modules shall introduce the keynote subject-matter, skills required, threats and vulnerabilities. Tuition shall include presentations, demonstrations, discussions and participation in project exercises. Quality of direction, tuition and presentation is to be assured through the participation of qualified specialists or acknowledged experts in all fields of the keynote subjects.

**Syllabus**

1. Security steward services as defined in this Act.

2. The science of Security and Risk.

3. Conflict management training and addressing difficult situations.

4. Occupational Health and Safety (including basic first aid, basic assistance in fire-fighting, and safe evacuation of persons).

**Basic Skills**

(a) Observation.

(b) Assessment of security threats and safety situations.

(c) Appropriate action according to situational circumstances.

(d) Safety.

**Communication and Interpersonal Skills**

(a) Overcoming communication barriers.

(b) Conflict management.

(c) Negotiating difficult situations.

(d) Dealing with vulnerable persons.

---

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to provide for a regulatory framework for security stewards in sports venues, including the licensing of security stewards agencies and security stewards by the Commissioner of Police, criteria for disqualification for holding a licence, duties and obligations pertaining to both agencies and security stewards, as well as for other matters connected therewith, or ancillary thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€1.26**